# LECTIO DIVINA

# I ĦADD TAR-RANDAN (B)

**Mk 1:12-15**

**F'dak iż-żmien**

Din is-silta tiġi dritt wara l-Magħmudija ta' Ġesù (cfr *Mk* 1:9-11) u tfisser it-*tħejjija* tiegħu għall-ministeru. Żmien ir-Randan hu żmien ta' tħejjija *per eċċellenza*. L-istess Liturġija tal-Kelma għandha stil *katekumenali* (li hu l-aktar ċar fiċ-ċiklu tal-Vanġeli tas-sena A), li tgħinna niskopru fil-fond l-identità ta' Kristu Rxoxt: dak li jitqabad u jirbaħ lix-Xitan (I Ħadd – tentazzjonijiet *Mk* 1:12-15), l-Iben il-Maħbub li minnu għandna nisimgħu (II Ħadd – trasfigurazzjoni *Mk* 9:1-9), it-Tempju l-Ġdid (III Ħadd – tisfija tat-Tempju *Ġw* 2:13-25), l-Iben Mibgħut sabiex isalva d-dinja (IV Ħadd – Nikodemu *Ġw* 3:14-21), Dak li jmut ħalli jagħti ħafna frott (V Ħadd – il-Ħabba tal-Qamħ *Ġw* 12:20-23), biex hekk flimkien maċ-Ċenturjun inkunu nistgħu nagħrfu fl-Imsallab l-Iben ta' Alla (Ħadd il-Palm – *Mk* 14:1-15:47, v.39: «Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!»).

**l-Ispirtu ħareġ lil Ġesù**

L-Ispirtu s-Santu li permezz tiegħu l-Verb sar bniedem (cfr *Mt* 1:20) u li fil-Magħmudija niżel fuq l-Iben biex jikkonferma l-identità tiegħu (cfr *Mk* 1:10), issa *joħorġu b'qawwa* (gr. «εκβαλλω», tr. *ekbállō*) mill-folla tal-Ġordan lejn id-deżert. F'dan iż-żmien ta' grazzja huwa l-Ispirtu s-Santu li jmexxina b'ċerta *qawwa* sabiex *noħorġu* lejn il-post tal-prova u tal-verifika ta' ħajjitna u tal-vokazzjoni tagħna. Huwa żmien fejn aktar milli *nagħmel jien*, jeħtieġ li nħalli lill-Ispirtu *jagħmel Hu*. Irid ikolli l-atteġġjament ta' *akkoljenza passiva* ta' Marija ta' Betanja (cfr *Lq* 10:39).

**fid-deżert.**

Id-deżert ta' Ġuda huwa simbolu tal-proċess ta' formazzjoni li Kristu nnifsu jagħmel, u li (permezz tiegħU) kull dixxiplu li jixtieq jimxi warajH għandu jgħaddi minnu. Hu l-post tad-dixxerniment u tal-għażla: «Ftakar fil-mixja kollha li mexxiek il-Mulej, Alla tiegħek, matul dawn l-erbgħin sena fid-deżert, biex iċekknek u jġarrbek, ħalli jkun jaf x'għandek f'qalbek, jekk tridx toqgħod għall-kmandamenti tiegħu jew le.» (*Dt* 8:2). Hu l-post *mimli bil-preżenza tal-Mulej* li l-bniedem jista' jiltaqa' miegħU u jħalliH ikellem lill-qalbu (cfr *Ħos* 2:16), daqskemm huwa *"mimli" bil-preżenza ta' Satana* (cfr *Mt* 12:43; *Lq* 11:24; *Tob* 8:3; *Is* 13:21). Jista' għalhekk ikun post ta' kisba tal-ħelsien daqskemm ta' inżul fil-jasar. Fl-istess ħin huwa l-*post neċessarju* biex kull bniedem jieħu pożizzjoni quddiem Alla u b'konsegwenza ta' dan jorjenta l-ħajja tiegħu.

**U baqa' fid-deżert erbgħin jum, jiġġarrab mix-Xitan.**

In-numru «erbgħin» jindika *ġenerazzjoni*: il-ħajja kollha ta' Kristu kienet mixja kontinwa ta' *eżodu*, ta' *ħruġ* (cfr *Mk* 1:38), ta' *taqbida kontra x-Xitan*. *Mk* juża' l-kelma armajka *Satana* meta jitkellem mill-Ħażin: huwa l-*għadu* ta' Alla u tal-bniedem (cfr *Ġob* 1:11). F'*Mk* ma nsibux id-deskrizzjoni tat-tliet

tentazzjonijiet li nsibu fis-Sinottiċi l-oħra. Pjuttost huwa fl-iżvilupp tal-Vanġelu li jitfissru dawn it-tentazzjonijiet. Insibu lil Satana jqarraq bil-kittieba li mwaħħla mal-ittra tal-Liġi ma jagħrfux il-qawwa tal-Iben li teħles (cfr *Mk* 3:22-30) u jqarraq anke b'wieħed mill-Appostli f'li jirreżisti l-verità ta' Messija li jagħti ħajtu (cfr *Mk* 8:33). Huwa dak li lid-dixxiplu aljenat malajr jaħtaflu l-kelma li tkun inżergħet f'qalbu (cfr *Mk* 4:15). Faċilment Satana jista' jġorrna miegħu permezz tas-"saħħara tas-sriep" li jagħmuna bl-emozzjonijiet, u taċ-"ċarlatani" li jwegħduna soluzzjonijiet faċli u virtwali filwaqt li jonfħu fina atteġġjament ta' vanità: "M'għandniex għax nistagħġbu: minn dejjem ix-xitan, li hu «giddieb u missier il-gideb» [*Ġw* 8:44], ippreżenta l-ħażen bħala ġid u l-falz bħala veru, biex iħawwad il-qalb tal-bniedem. Għalhekk kull wieħed u waħda minna hu msejjaħ jiddixxerni fil-qalb tiegħu u jgħarbel jekk hux qed jiġi mhedded mill-gideb ta' dawn il-profeti foloz. Jeħtieġ nitgħallmu ma niqfux fuq il-livell immedjat, superfiċjali, imma nagħrfu dak li jista' jħalli ġo fina marka tajba u li ttul iżjed, għax ġej minn Alla u jiswa tabilħaqq għall-ġid tagħna." (Papa Franġisku, *Messaġġ għar-Randan* 2018); interessanti bħala lettura dwar il-mekkaniżmi tax-Xitan il-ktieb ta' C. S. LEWIS, *The Screwtape Letters*).

**Kien jgħix mal-bhejjem selvaġġi,**

Il-kummentaturi joffru żewġ interpretazzjonijiet ta' dan id-dettal. Apparti li hemm min iqisha sempliċiment bħala sempliċi deskrizzjoni tal-ambjent li fih kien jinsab Ġesù, hemm min fid-dawl tal-Ktieb ta' Danjel jara fil-bhejjem selvaġġi simbolu tal-qawwiet li jippruvaw joħonqu lill-bniedem u jsaltnu fuqu (cfr *Dan* 7:17). Imbagħad hemm min fid-dawl tal-Profeta Isaija jara xbieha taż-żminijiet Messjaniċi fejn terġa' ssaltan l-armonija fil-ħolqien li d-dnub tal-ewwel Adam kien qered (cfr *Is* 11:6-8). F'dan il-kuntest nistgħu nidħlu għal dan iż-żmien liturġiku bħala opportunità biex niflu x'relazzjoni għandna mal-"bhejjem selvaġġi" li jgħammru f'qalbna – dawk li huma l-*passjonijiet* tagħna li jeħtieġu mingħandna orjentament sabiex minflok *jkaxkruna magħhom*, pjuttost norjentawhom ħalli jqawwu l-għemejjel ħielsa li nwettqu: "Dak li hu tajjeb jew ħażin hu l-att li wieħed iwettaq imqanqal jew imsieħeb minn passjoni." (*Amoris laetitia* 145). Jeħtieġ nirriflettu fuq dak li jsuq l-għażliet tagħna: hux il-passjonijiet selvaġġi jew l-għażla meħuda b'passjoni mifdija. Is-***sawm*** indikat b'mod speċjali f'dan iż-żmien għandu propju l-iskop li "jġibna f'sensina, jagħmilna iżjed attenti għal Alla u għall-proxxmu, jerġa' jqajjimna għar-rieda li nobdu lil Alla li, waħdu, jista' jaqta' l-ġuħ tagħna" (*Messaġġ għar-Randan 2018).*

**u kienu jaqduh l-anġli.**

L-anġli, il-*mibgħutin ta' Alla*, jinsabu wkoll preżenti fid-deżert tat-tiġrib f'kontemporanjetà mat-tiġrib mix-Xitan u mal-konvivenza mal-bhejjem selvaġġi. Huma l-ħlejjaq spiritwali li jassistu lill-Iben ta' Alla (bħalma ġara ma' Elija fid-deżert *1Slat* 19:8), kif ukoll fil-bqija tal-Vanġelu huma dawk il-persuni li l-Mulej jibgħat sabiex iservu l-missjoni tiegħu bħalma huwa l-*Battista* (cfr *Mk* 1:4-8) u n-*nisa* (cfr *Lq* 8:2-3; bħalma ġara ma' Elija li sab lill-armla f'Sarefta ta' Sidon *1Slat* 17:2-16) fosthom anki l-*aħwa ta' Betanja* (cfr *Lq* 10:38-42). Dan iż-żmien ta' tiġdid jista' jgħinna nirriflettu fuq kif *naqdu* l-imwejjed tal-Mulej (cfr *Mk* 1:31; *Atti* 6:2) fid-dawl ta' Marta u Marija. L-ewwelnett nirriflettu fuq kif *naqdu l-mejda tal-**Kelma***: fil-qari sikwit tal-Iskrittura, fil-meditazzjoni, fil-preparazzjoni għall-animazzjoni u għal-laqgħat tal-pastorali, fit-tħejjija tas-silta li nkun se nxandar fil-liturġija, fis-smigħ attent tal-Kelma ta' Alla meta tixxandar. It-tieni, nirriflettu fuq kif *naqdu l-mejda tal-**Ewkaristija***: it-tfittxija ta' mumenti ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat; it-tħejjija personali għas-sagrifiċċju tal-quddiesa, id-disposizzjonijiet interjuri biex nitqarben, ir-ringrazzjament ta' wara t-tqarbin, l-għożża u l-kura tal-post tat-talb. It-tielet, naħsbu fuq kif *naqdu l-mejda tal-**karità*** bejnietna: il-ħidma tiegħi fil-komunità, ir-relazzjoni tiegħi mal-oħrajn, l-impenn tiegħi ma' tad-dar u ma' dawk li l-Mulej

ilaqqagħni magħhom u jibagħtni biex naqdihom: "Kemm nixtieq li l-karità tinbidel għal kulħadd f'veru stil ta' ħajja!" (*Messaġġ għar-Randan 2018)*

**Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Gallilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla u jgħid: «Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju.»**

L-imperattiv tar-Randan huwa: «indmu u emmnu fl-Evanġelju». Il-bidla tal-qalb, ir-ritorn lejn il-Mulej u ir-"reformatting" tal-ħajja tagħna titlob esperjenza intensa ta' intimità mal-Mulej permezz tat-***talb*** għaliex l-għażla hija frott esperjenza miegħU, ta' dak Alla li jmexxi Hu l-qalb tal-persuna. "Jekk niddedikaw aktar ħin għat-talb, inħallu l-qalb tagħna tiskopri l-gideb sigriet li bih inqarrqu bina nfusna, biex nistgħu saflaħħar infittxu l-faraġ ta' Alla. Hu Missierna u għalina jixtieq il-ħajja." (*Messaġġ għar-Randan 2018*) Hija din l-esperjenza intima mal-Mulej li terġa' tkebbes lill-qalbna sabiex nitgħallmu nħobbu mill-ġdid.